MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2012

Numru. 755/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR KEITH ARNAUD**
**SPETTUR ANNA MARIE MICALLEF**
**VS**
**JOSEPHINE GRIXTI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Josephine Grixti ta' 46 sena, bin missier mhux maghruf u Mary Olive, mwielda Pieta' nhar l- 14 ta' Novembru 1965, residenti 60 Flat 6, Triq l- Isptar, Valletta u detentrici tal- Karta tal- Identita' bin- numru 534265M ;

Talli ;

1) Nhar it- 22 ta' Gunju 2011, ghall- habta tal- 17.30pm gewwa l- ghassa tal- Pulizija tal- Belt Valletta, li

tinsab fi Triq l- Arcisqof, il- Belt Valletta, harbet mill-kustodja tal- Pulizija waqt li kienet mizmumha skont il- ligi gewwa l- istess ghassa;

2) u aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi qalet kliem oxxen jew indicenti fil- pubbliku li jikkonsisti f' dagha;

3) u aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, ma obdietx l- ordnijiet legittimi ta' l- awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku jew ma hallietx jew fixklet waqt li jkun jaghmel dmirijiet tieghu, jew b' xi mod iehor bla jedd indahlet fi dmiru billi ma hallietx lil haddiehor jaghmel dak li b' Ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel;

4) u aktar talli kisret il- kundizzjonijiet tad- digriet ghall- helsien mill- arrest imposti mill- Qorti tal- Magistrati preseduta mill- Magistrat, illum Imhallef, Dr. Lawrence Quintano LL.D fit- 12 ta' Settembru 2009 f' dan li ma tikkomettiex delitt iehor ta' natura volontarja waqt li tkun mehlusa mill- arrest u dan taht garanzija personali ta' €400, fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li taghmel mill-istess Qorti;

5) u aktar talli kisret il- provedimenti tal- Artikolu 28A tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta billi ikkomettiet reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija waqt il- perjodu ta' sentenza sospiza ghal sena, moghtija lilha mill- Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. Joseph Apap Bologna LL.D fit- 18 ta' Frar 2011;

6) Il- Qorti hija mitluba li tirrevoka l- helsien mill-arrest tal- imsemmija Josephine Grixti u tordna l- arrest mill- gdid tal- imsemmija imputata kif ukoll tordna li s-somma ta' €400 bhala garanzija personali jghaddu favur il- Gvern ta' Malta kif stipulat fl- Artikolu 579 (2) (3) tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

7) u fl- ahhar akkuzata talli rrendiet ruhha recidiva b' diversi sentenzi li saru definittivi u li ma jistghux jigu mibdula;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat illi l-imputata irregistrat ammissjoni, li giet ikkonfermata minnha wara li l-Qorti tatha zmien xieraq skond il-ligi sabiex tikkonsidra sew l-ammissjoni taghha, u wara li l-Qorti wissietha bl-aktar mod solenni dwar il-konsekwenzi tal-istess ammissjoni taghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkonsidrat:**

In vista tal-ammissjoni taghha, din il-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li ssib lill-imputata hatja tal-akkuzi migjuba kontra tagha, u tghaddi ghas-sentenza. Dan il-kaz ma jidherx li kien wiehed ta' portata konsiderevoli. Nhar it-22 ta' Gunju, 2011, l-imputata kienet fil-kustodja tal-Pulizija gewwa l-Ghassa tal-Belt, u harbet mil-kustodja taghhom. Hi instabet ftit tal-hin wara, u tressqet fuq dawn l-akkuzi. Ghalkemm il-Qorti bl-ebda mod ma trid timminimizza dan l-incident, ic-cirkostanzi kollha tal-kaz juru nuqqas ta' responsabbilita' aktar minn hag' ohra fil-konfront tal-imputata. Madankollu, bhala piena, il-Qorti ma tistax ma tikkunsidrax il-fedina penali taghha u d-diversi kundanni li hi ghandha, anke fil-konfront tal-awtoritajiet pubblici. Ghalhekk, bhala piena, il-Qorti sejra taghti prigunerija effettiva, izda ser tastjeni milli ddahhal fis-sehh is-sentenza ta' prigunerija sospiza, u sejra minnflok testendi l-perijodu operattiv taghha ghal zmien ulterjuri, peress illi, kif gia' inghad, l-incident de quo ma kienx wiehed ta' portata konsiderevoli.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 151, 160, 338(bb), 338 (ee), 342, 579 (1) (2), 28B, 28C, 28D, 17, 49 u 50 tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputata hatja u ghaldaqstant tikkundannaha sitt (6) xhur prigunerija. Testendi l- perjodu operattiv tas- sentenza sospiza datata 18 ta' Frar 2011 ghal sentejn mil- llum.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------